# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Numru 2273

Kaz Nru: 2928 / ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn

Lorna Camilleri

u

Bajja Investments Ltd

Illum : 20 ta' Frar, 2014

d*war tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta'rikors mill-Avukat Dr Mark Vassallo fil-31 ta' Mejju 2011 f'isem ir-rikorrenti Lorna Camilleri. F'Settembru 2012 beda jidher ghar-rikorrenti l-Avukat Dr Andrew Borg Cardona. Ir-rikorrenti bdiet l-impjieg taghha bhala reservations agent fit-8 ta' Frar 2006. It-terminazzjoni saret fis-7 ta' Marzu 2011. Fir-rikors ir-rikorrenti tenniet li fix-xhur qabel is-socjeta' ntimata temmet l-impjieg, ir-rikorrenti nghatat promozzjoni ghal kariga ta' reservations supervisor. Din il-promozzjoni nghatat lir-rikorrenti wara li hi accettat il-pozizzjoni l-gdida hekk kif offruta lilha mis-socjeta ntimata u dan wara li r-rikorrenti ffirmat addendum ghal-kuntratt indefinit li kellha mas-socjeta' ntimata. Wara xhur tahdem fil-pozizzjoni l-gdida, ir-rikorrenti, minhabba ragunijiet serji, tablet li terga tmur lura fil-pozizzjoni precedent ta' reservations agent.

Ir-rapprezentanti tas-socjeta' nfurmata li dan ma kienx possibli u skond ir-rikorrenti gheddewha li jekk tkompli tinsisti kienet ser titkecca. Fil-fatt wara li r-rikorrenti regghet tenniet bil-miktub it-talba taghha u wara li r-rikorrenti involviet il-GWU fil-kaz, is-socjeta ntimata nfurmata li l-ittra taghha kienet effettivament rizenja u giet infumata li kellha gimgha notice u li l-impjieg taghha kien effettivament terminat fis-7 ta' Marzu 2011.

Ir-rikorrenti ssottomettiet li dan hu kaz ta' tkeccija ngusta u ghaldaqstant qed tfittex lis-socjeta' ntimata ghal-provvidimenti kollha opportuni li dan il-Tribunal jista jaghti skond il-ligi.

Da parti taghha s-socjeta' ntimata ddikjarat li qed tikkontesta l-pretenzjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha tar-rikkorenti, liema talbiet ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Is-socjeta' ukoll iddikjarat li l-kuntratt indefinit inkwistjoni kien datat 2 ta' April 2010 u mhux 8 ta' Frar 2006.

## <u>Fatti</u>

Ir-rikorrenti bdiet tahdem mas-socjeta' ntimata fit-8 ta' Frar 2006 fuq kuntratt definit ta' sena bhala telephone operator/receptionist. Fit-2 ta' April 2007 giet promossa u nghatat kuntratt definit ta' sena bhala Reservations Agent. Dan gie mgedded ghal sena ohra fit-2 ta' April 2008 u rega gie mgedded fit-2 ta' April 2009 ghal sena ohra. Fil-2 ta' April 2010 ir-rikorrent naghtat kuntratt indefinit ta' *Reservations Agent* bla zmien ta' prova b'salarju ta' €12,089.75 fis-sena. Ir-rikorrent kienet tahdem ukoll part time Front Office Agent ma' l-istess socjeta'.

Id-dipartiment tar-reservations fejn kienet tahdem ir-rikorrenti kien jikkonsisti minn zewg agenti u supervisor li jirrapurtaw lir-Revenue Manager. Is-Sur Joseph Cassar li kien is-supervisor gie promoss Revenue Manager f'Gunju 2010 u ghaldaqstant il-pozizzjoni ta' supervisor giet vakanti.

Ir-rikorrenti giet inkoraggita mis-socjeta' biex tapplika ghal pozizzjoni ta' supervisor u fil-fatt hekk ghamlet. Ir-rikorrenti attendiet ghal zewg intervisti u giet maghzula. Wara xi negozjati fuq il-pakkett finanzjarju hi bdiet fil-pozzizjoni ta' supervisor fl-1 ta' Settembru 2010.

Gie ffirmat 'Contract Addendum' fid-9 ta' Settembru 2010 fejn gew stipulati l-kondizzjonijiet relatati mal-post ta' supervisor. Is-salarju l-gdid kien ta' €14,400 fis-sena li jitla ghal €15,600 fis-sena wara l-ewwel tlett xhur. Is-salarju kien jaghmel tajjeb ghas sieghat kollha ta' xoghol li r-rikorrenti kien ikun hemm bzonn li taghmel u ghaldaqstant ma kienetx tithallas ta' l-overtime. Il-promozzjoni kienet suggetta ghal sitt xhur ta' zmien ta' prova mill-1 ta' Settembru 2010.

Ir-rikorrenti kienet involuta fl-intervisti biex tigi mimlija l-pozzizjoni ta' 'Reservations Agent' u ntghazlet Ms Cressida Micallef li kienet tahdem mas-socjeta ntimata 'fil-Front Office'. Hija bdiet f'Novembru 2010 u kellha 25 gurnata leave x'tiehu sa l-ahhar tas-sena.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz ir-rikorrenti qalet li meta dahlet fil-pozizzjoni l-gdida ta' Supervisor kienet tahdem sieghat twal, gieli mill-hamsa u nofs ta' filghodu sat-tmienja w nofs ta' fil-ghaxija. Dan minhabba hafna xoghol b'lura, l-agent l-iehor kien bla esperjenza u li 'r-replacement' taghha damet ma saret.

Ir-rikorrenti ddikjarat ukoll li s-superjur taghha Joseph Cassar (Revenue Manager) kien ghajtilha fl-ufficju u qalla li kulljum ghandu jkun hemm xi hadd bil-leave. Ir-rikorrenti ma qablitx ma din id-decizjoni ghax giet fi stat li kienet qed tahdem hafna aktar seighat mis-superjuri taghha stess nkluz Joseph Cassar li ftit kienet issib ghajnuna minnu izda kellha taccetta s-sitwazzjoni.

Gimgha u nofs qabel kien se jaghlaq iz-zmien ta' prova r-rikorrenti tablet bidla fil-kundizzjonijiet peress li deherilha li kienet qed taghmel xoghol ta' Manager u mhux ta' Supervisor. Fl-intervisti li kellha ghal post ta' Supervisor kienet assigurata li Joseph Cassar, ir-Revenue Manager, kien se jkun imexxi d-dipartiment izda fil-verita Cassar kien f'ufficju iehor u ma kienx hemm komunikazzjoni jew kollaborazzjoni min naha tieghu. Meta r-rikorrenti talbet l-ghajnuna Cassar kien jaghidilha li issa ghandu r-responsibilatijiet tieghu u m'ghandux cans ghal affarijiet ohra.

Fil-laqgha li saret bejn ir-rikorrenti Joseph Cassar u Ray Grech HR Executive, it-talbiet tar-rikorrenti li l-pakkett finanzjarju u t-titlu ma kienux jirriflettu r-responsabilitajiet li kellha gew michuda u ma setghawx jaghtu xi garanzija ghal-futur.

Ir-rokorrenti f'dan l-istudju tablet li tmur lura fil-pozizzjoni ta' Reservations Agent. Is-Sur Ray Grech informha li dan ma kienx possibli ghaliex dik il-pozizzjoni kienet diga mimlija. Grech kompla jinforma lir-rikorrenti li jekk hi tibqa tinsisti li trid tmur lura hi se jkollha gimgha notice peress li kienet fiz-zmien ta' prova u titlef l-impjieg.

Fit-28 ta' Frar 2011, l-ahhar jum taz-zmien ta' prova, ir-rikorrent kitbet ittra (Dok C) lil Grech fejn infurmatu biex tirritorna ghal-pozizzjoni li kellha qabel il-promozzjoni, dik ta' Reservations Agent'. Meta pprezentat l-ittra Grech infurmha li kellha gimgha notice.

Fl-4 ta' Marzu 2011 Grech kiteb lir-rikorrenti (Dok D) jekk l-ittra taghha tat-28 ta' Frar 2011 kienetx rizenja mill-post ta' reservation supervisor u li l-istess post ghadu vakant u li hi tista tkompli fih.

Meta Grech taghha l-ittra lir-rikkorenti qallha li jekk ma taccettax l-kontenut l-ahhar gurnata xoghol taghha kienet se tkun is-7 ta' Marzu 2011.

Ir-rikorrent kienet sick fis-7 ta' Marzu 2011 u fit-8 ta' Marzu 2011 siefret fuq leave approvat. Meta giet lura fl-14 ta' Marzu 2011 u marret ix-xoghol Grech infurmaha li ma kienetx izjed impjegata mas-socjeta ntimata.

Ir-rikorrenti wara l-ittra taghha tat-28 ta' Frar 2011 giet offruta post bhala part-time Front Office agent li pero' skond hi kienet ga taghmlu dan ix-xoghol.

Ir-rikorrenti ddikjarat ukoll li fit-3 ta' Marzu 2011 harget vakanza ghal-Reservations Supervisor.

Ir-rikorrent f'dan kollu rrikorriet ghal ghajnuna u pariri ghand is-Sur Kevin Camilleri rapprezentant tal-GWU.

Is-socjeta' ntimata sostniet li r-rikorrenti ma kellha l-ebda bazi legali li titlob li tmur lura bhala Reservations Agent stante li kienet ghadha fiz-zmien ta' prova u li hija ma gietx imkeccija stante li l-pozizzjoni li –rikorrenti kienet qed tokkupa bil-ftehim ffirmat f'Settembru 2010 giet offruta lilha. Ghaldaqstant r-rikorrenti ddecidiet li tirriverti ghal pozizzjoni quo ante meta l-ftehim mas-socjeta ntimata ma kienx dak.

**Provi**

F'dawn il-proceduri xehdu r-rikorrenti u Joseph Cassar. Gew ukoll esebiti zewg avvidavits fost documenti ohra.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ha jmur mill l-ewwel biex jikkunsidra l-punt principali tal-kaz jigifieri kif gie ttrattat iz-zmien ta' prova miz-zewg partijiet wara li r-rikorrenti naghtat promozzjoni ghal-Reservations Supervisor b'contract addendum b'sitt xhur zmien ta' prova. L-addendum saret ma kuntratt indefinit ta' Reservations Agent datat 2 ta' April 2010.

Fix-xhiedha taghha r-rikorrenti zammet mid-dikjarazzjonijiet taghha filwaqt li Joe Cassar qal li meta hu kien Reservation Supervisor kien talab diversi drabi biex isir Reservations Manager minhabba li x-xoghol kien tali li jimmerita dan il-grad.

Ir-rikorrenti tablet dan ukoll izda gie michud. Cassar qal ukoll li fil present hemm Reservations Manager u din il-persuna, Adrian Spiteri, kien Reservations Agent meta r-rikorrenti kienet Supervisor. Fil-fatt il-pozizzjoni ta' supervisor wara tnehhit mill l-istruttura tad-dipartiment. Irrizulta ukoll li l-pozizzjoni ta' Reservations Supervisor ma kienetx tezisti ghalkemm ir-rikorrenti bil fors kellha certa konoxxenza tax-xoghol involut ghax hadmet zmien twil bizzejjed ta' Reservations Agent.

Fit-trattazzjoni finali taghha s-socjeta ntimata sahqet li r-rikorrenti ma ghamlet l-ebda riserva fl-addendum biex tmur lura bhala Reservations Agent. Illi kienet hi stess involuta fl-interview 'tar-replacement' taghha stess u li bhala Reservations Agent kellha tkun taf ghal liema xoghol kienet diehla meta giet promossa. Is-Socjeta' stqarret ukoll li hi ma setghetx tkecci lil haddiehor li kienet hadet il-pozizzjoni ta'Reservations Agent li kellha r-rikorrenti. Is-Socjeta tenniet li kieku r-rikorrenti regghet giet promossa ghal Manager u mizjuda fis-salarju ma kienetx tilob biex tmur lura u ghaldaqstant ma kienx minnu li ma setghetx tlahhaq u tmexxi xoghlha.

Min naha taghha r-rikorrenti ttrattat principalment kif is-socjeta ntimata ttrattat iz-zmien ta' prova. Illi s-socjeta ttrattat iz-zmien ta' prova ta' l-addendum bhal meta ttrattat zmien ta' prova ta' mpjieg gdid li fil-kaz tar-rikorrenti dan ma kienx. Ir-rikorrenti sostniet li zmien ta' prova wara promozzjoni huwa 'trial period' u s-socjeta ma kellha l-ebda dritt li tittermina l-impjieg izda kellha d-dritt ewlieni li tirreverti li rikorrenti lura bhala Reservations Agent u li dan id-dritt huwa tar-rikorrenti wkoll ghaliex kuntratt jorbot liz-zewg nahat l-istess inkluz iz-zmien ta' prova, bil-vantagg u l-izvantaggi ghaz-zewg nahat indaqs.

Dan permess, it-Tribunal jikkunsidra li:

Kif gie accenat aktar l-fuq il-punt principali ta' dan il-kaz huwa t-trattament taz-zmien ta' prova ta' sitt xhur maqbul miz-zewg partijiet wara promozzjoni.

L-accenn fuq iz-zewg nahat huwa mportanti ferm u ghaldaqstant iz-zmien ta' prova japplika liz-zewg nahat l-istess. Ir-rikorrent tablet formalment qabel ghalaq iz-zmien ta' prova li ma kienetx kuntenta bil-kondizzjonijiet u r-responsabilitajiet li kellha u tablet biex tirreverti lura ghal Reservations Agent. Dan kien dritt taghha bhal ma kien ikun dritt tas-socjeta li tirriverti lura hi stess lir-rikorrenti ghal xi raguni.

Is-Socjeta' wriet, ghallinqas *in-buona fede* sa fejn jista jinnota t-tribunal nuqqas ta' esperjenza kif imxiet mar rikorrenti tali li l-Gimgha notice li taghat lir rikorrenti turi car li s-socjeta ttrattat z-zmien ta' prova wara promozzjoni bhal ma wiehed jittratta zmien ta' prova f'ímpjieg totalment gdid.

**Decizjoni**

Mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha, d-dokumenti esebiti u s-sottomisjonijet tal-partijiet, it-Tribunal qighed jiddecidi li t-tkeccija kienet wahda ngusta u li hemm lok li r-rikkorenti tinghata kumpens.

Il-kumpens qed jigi stabbilit fl-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta' ntimata lir-rikorrenti fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal-finijiet tal-kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat :**Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**Chairman**

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja